Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,675, 12 ta' Novembru, 2004
Taqsima B

A.L. 466 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI, 2001
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Approvazzjoni ta' Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera responsabbli għal verifiki veterinarji fuq prodotti introdotti fil-Komunità Ewropea minn Pajjiżi Terzi permezz ta' Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera f'Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Approvazzjoni ta' Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera responsabbli għal verifiki veterinarji fuq prodotti introdotti fil-Komunità Ewropea minn Pajjiżi Terzi permezz ta' Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera f'Malta.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummisjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2001/812/EC tal-21 ta' Novembru, 2001 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-approvazzjoni ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera responsabbli għal verifiki veterinarji fuq prodotti introdotti fil-Komunità minn pajjiżi terzi, li għandha l-bażi legali tagħha fl-artikolu 6(5) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC.

Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera

2. (1) Post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jikkonsisti fi faċilitajiet dedikati għal verifiki veterinarji, imqiegħda taħt ir-responsabilità tal-veterinarju uffiċjali, jew fil-każ ta' prodotti tal-ħut, jew tal-veterinarju uffiċjali jew ta' l-aġent uffiċjali riferit fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/352/EEC, u li tkun imqiegħdha b'mod li l-faċilitajiet jikkostitwixxu *unit* wieħed sħiħ ta' xogħol. Fil-każ fejn post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jkun magħmul minn iktar minn sett wieħed ta' faċilitajiet iżda li jkunu lokalizzati fl-istess sit, il-lokalità ġeografika tal-grupp għandha tikkwalifka lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li għandu jkollu isem wieħed.

(2) Post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu jinkludi l-faċilitajiet kollha speċifikati fir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, meta prodotti ta' oriġini ta' annimal minn pajjiżi terzi jistgħu jkunu ppreżentati għal dħul ġewwa l-Komunità Ewropea permezz ta' post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera f'Malta, u jgħaddu mill-verifiki meħtieġa ta' dokumentazzjoni, identità u fiżiċi.

(3) Meta l-ġeografija jew id-daqs tal-post tal-fruntiera jitolbu, jew għall-immaniġġar effiċjenti ta' verifiki tal-fruntiera, post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jista' jipprovdi iktar minn faċilità waħda jew ċentru ta' spezzjoni, sabiex isiru kif meħtieġ il-verifiki fuq il-kategoriji ta' prodotti li għalihom il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ikun approvat.

Ħtiġijiet għal Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera

3. (1) Mingħajr preġudizzju għall-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC, il-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera kollha kif riferit fl-artikolu 6 ta' dik id-Direttiva għandhom, sabiex ikunu approvati u elenkati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u jżommu l-approvazzjoni, jipprovdu l-faċilitajiet, il-ħaddiema, it-tagħmir u joperaw il-proċeduri fil-postijiet, kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti u fl-Iskeda relattiva.

(2) Il-bini li jkun qed jiġi użat bħala post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, jew kull ċentru ta' spezzjoni ġewwa fih, irid ikun taħt il-kontroll effettiv tal-veterinarju uffiċjali, jew fil-każ ta' prodotti tal-ħut, jew il-veterinarju uffiċjali jew l-aġent uffiċjali riferit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/352/EEC, u jrid ikun aċċessibbli f'kull ħin kif ikun meħtieġ.

Proposta lill-Kummissjoni Ewropea mis-Servizz Veterinarju

4. (1) Is-Servizz Veterinarju tat-territorju ta' Malta jista' jipproponi lill-Kummissjoni Ewropea li post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jkun elenkat uffiċjalment wara l-approvazzjoni, għall-ispezzjoni tal-kategoriji ta' prodotti kollha jew għal ċerti kategoriji ta' prodotti biss. F'dan l-aħħar każ, is-Servizz Veterinarju għandu juri li l-post ikollu l-faċilitajiet meħtieġa, il-ħaddiema meħtieġa u t-tagħmir meħtieġ biex iwettaq l-ispezzjoni ta' dawk il-prodotti.

(2) Is-Servizz Veterinarju tat-territorju ta' Malta għandu jfassal proposta b'tali mod li l-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera f'Malta jkunu elenkati u jkunu jidhru bħala lokalità ta' port jew ajruport, u li l-lista għandha tispeċifika l-kategoriji tal-prodotti li għalihom il-port, u kif meħtieġ, iċ-ċentru ta' spezzjoni, ikun approvat, inkluż id-dettalji dwar kull restrizzjoni oħra fuq il-prodotti li kull post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera partokulari jista' jispezzjona.

(3) Meta post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jkun approvat biss għal kategoriji ristretti ta' prodotti, il-faċilitajiet li jkunu provduti fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jistgħu jkunu limitati kif ikun meħtieġ, għal dawk meħtieġa biex iwettqu verifiki veterinarji fuq dawn il-kategoriji ta' prodotti ristretti biss.

(4) Madanakollu, permezz ta' deroga mis-subregolament (3), fil-każ ta' semen u embrijoni li jkunu *deep-frozen* li jistgħu jinġarru f'temperaturi ambjentali f'kontenituri li jkunu siġillati u li jkollhom sistema li tirregola t-temperatura tagħhom stess, dawn jistgħu

jkunu spezzjonati f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera elenkati għal prodotti li mhumiex għall-konsum mill-bniedem, li jkunu biss f'temperaturi ambjentali.

(5) Is-Servizz Veterinarju għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea b'kull bidla fl-infrastruttura jew fl-operat ta' post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, jew ta' ċentru ta' spezzjoni ġewwa dak il-post, li jkollu influwenza fuq l-elenkar tiegħu. Jistgħu jkunu proposti żidiet għall-ikategorizzar ta' xi post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, wara li s-Servizz Veterinarju jkun ivverifika li l-faċilitajiet ikunu konformi ma' dawn ir-regolamenti, għall-approvazzjoni u għall-emendar ta' l-elenkar mill-Kummissjoni Ewropea.

Faċilitajiet ta' Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera

5. (1) Il-faċilitajiet f'postijiet approvati ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandhom ikunu mibnija, mgħammra, miżmuma u operati skond il-ħtiġijiet imfassla fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u fil-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità Ewropea. Għal prodotti li ma jkunux f'armonija sħiħa f'dik li hi l-iġene, jistgħu jiġu applikati ħtiġijiet addizzjonali ta' iġene nazzjonali.

(2) L-infrastruttura minima għal kull post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera trid tinkludi l-elementi li ġejjin f'distanza effettiva ta' xogħol minn xulxin -

(a) uffiċju b'tagħmir ta' komunikazzjoni li jinkludi telefon, *fax*, terminal tas-sistema Animo, *photocopier,* id-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, u l-kapaċità ta' arkivju biex jinżammu dokumenti relatati ma' l-ispezzjoni tal-prodotti;

(b) *social rooms* li jikkonsistu minn *changing rooms, toilets* u faċilitajiet għall-ħasil ta' l-idejn għall-użu mill-ħaddiema li jkunu qegħdin jaħdmu fil-post ta'

spezzjoni fuq il-fruntiera, li jistgħu biss jintużaw ukoll minn ħaddiema oħra involuti f'kontrolli uffiċjali;

(ċ) żona fejn jinħattu l-kunsinni minn fuq meżżi ta' trasport li għandhom ikunu magħluqa jew mgħottija b'saqaf, ħlief fil-każ ta' kunsinni ta' suf li jkun sfuż, protejin ta' l-annimal li jkun waħdiet, *bulk* u pproċessat u li ma jkunx għall-konsum mill-bniedem, demel jew *guano*, jew żjut u xaħmijiet likwidi bil-*bulk,* li jinġarru bid-dgħajjes, li għalihom il-ħtieġa tas-saqaf ma tapplikax;

għal prodotti li jkunu taħt kontroll tat-temperatura u li jkunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem, il-passaġġ li jgħaqqad flimkien iż-żoni ta' ġarr u tal-ħatt għandu jkun protett jew issiġillat mill-ambjent ta' barra, ħlief fil-każ ta' ħut, fejn għandha tapplika d-deroga riferita fl-artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/352/EEC u l-Kapitolu II punt 2 ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/493/EEC;

(d) kamra ta' spezzjoni fejn għandhom ikunu spezzjonati l-prodotti u meħuda kampjuni għal aktar testijiet; iż-żona li fiha jittieħdu l-kampjuni tista' ma tkunx separata mill-kamra ta' spezzjoni;

(e) kmamar jew żoni ta' ħażna xierqa, li jippermettu li kunsinni maqbuda jinżammu fil-kesħa, iffriżati jew f'temperaturi ambjentali fl-istess ħin, taħt il-kontroll tal-veterianrju uffiċjali sakemm ikunu magħrufa r-riżultati ta' investigazzjonijiet fil-laboratorju jew investigazzjonijiet oħra.

(3) Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati biex jiġu maniġġati kategoriji ta' prodott imkessħa, iffriżati u ambjentali, jridu jkunu kapaċi li jaħżnu b'mod simultanju volum ta' prodott f'kull kategorija ta' temperatura. Aċċess immedjat għal volum adegwat ta' ħażna għandu jkun disponibbli f'kull ħin, kif ikun meħtieġ, għall-veterinarju uffiċjali.

L-użu ta' faċilitajiet kummerċjali ta' ħażna li jkunu viċin il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u fl-istess port jew żona ta' dwana, huma permessi taħt il-kontroll tal-veterinarju uffiċjali, u kemm-il darba l-prodott maqbud ikun maħżun f'kamra separata li tissakkar, *chamber* jew żona li tkun imdawwra b'reċint distinta mill-prodotti kollha l-oħra.

Ħażna f'kontenituri separati li jkunu *stand-alone*, li jitqiegħdu b'mod permanenti ħdejn iż-żona li fiha jsir il-ħatt, hija permessa kemm-il darba l-kontenituri jkunu jinfdu maż-żona li fiha jsir il-ħatt b'mod li l-proċess tal-ħatt ikun imkenni mit-temp. Ħażna addizzjonali għal kull kategorija tal-prodott fil-mezż ta' trasport li fihom tkun inġiebet kunsinna lejn il-post hija eċċezzjonalment permessa taħt il-kontroll tal-veterinarju uffiċjali għall-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li jkunu jinstabu f'lokalitajiet stradali, tal-ferrovija jew tal-port.

(4) Prodotti għall-konsum uman u prodotti mhux tajbin għall-konsum uman għandhom ikunu maniġġati f'żoni ta' ħatt separati, kmamar ta' spezzjoni u faċilitajiet ta' ħażna. Permezz ta' deroga minn din il-ħtieġa fil-każ ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera uffiċjalment approvati bħala ristretti għal prodotti ppakkjati biss, żoni li fihom isir il-ħatt jistgħu jkunu komuni, kemm-il darba mbagħad, waqt u wara l-ħatt, ikun hemm separazzjoni ċara tal-prodotti għall-konsum mill-bniedem u dawk li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem, sabiex tkun evitata l-kontaminazzjoni ta' xulxin.

(5) Permezz ta' deroga mis-subregolament (4) ta' dawn ir-regolamenti, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li jkunu jesgħu fihom inqas minn 500 kunsinna fis-sena jistgħu jużaw l-istess faċilitajiet li jkunu provduti għall-ħatt, spezzjoni u ħażna għall-prodotti kollha li għalihom il-post ikun approvat, kemm-il darba tkun implimentata s-separazzjoni tal-kunsinni permezz tal-ħin, u jitwettaq tindif u disinfettar adegwat tal-bini bejn il-wasla ta' kunsinni differenti, skond il-ħtieġa.

Proposta għal ċentri addizzjonali ta' spezzjoni

6. (1) Jistgħu ikunu proposti ċentri ta' spezzjoni addizzjonali f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera diga' approvati, wara li s-Servizz Veterinarju jkun ivverifika li huma konformi ma' dawn ir-regolamenti, sabiex jiġu elenkati mill-Kummissjoni Ewropea. Il-faċilitajiet f'kull ċentru għandhom ikunu xierqa għall-volum u t-tip ta' prodotti varji li jgħaddu minn ġewwa ċ-ċentru.

(2) Meta post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jinqasam f'ċentri ta' spezzjoni differenti, dawn għandhom -

(a) ikunu lokalizzati fl-istess żona jew distrett użati mid-dwana bħall-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li taħthom iċ-ċentri jkunu elenkati;

(b) ikunu lokalizzati f'distanza raġonevoli tax-xogħol mill-uffiċċju ċentrali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera magħżul u jkunu jidhru li huma taħt il-kontroll tal-veterinarju uffiċjali,

(ċ) iżommu *record* speċifiku tal-kunsinni eżaminati fiċ-ċentru.

(3) Ċentri ta' spezzjoni ma għandhomx għalfejn jipprovdu -

(a) faċilitajiet ta' arkivjar, *terminal* tas-sistema Animo jew *photocopier*;

(b) il-verifiki, leġislazzjoni u dokumentazzjoni kollha veterinarja iżda biss id-dokumenti relevanti u meħtieġa għall-verifiki veterinarji li jsiru fiċ-ċentru.

Limiti ta' żmien raġonevoli

7. Fiċ-ċirkostanzi riferiti fl-artikolu 6.2 (b) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC dwar l-intervalli ta' żmien raġonevoli biex ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet li jsiru skond ir-rapporti ta' spezzjoni, qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tirtira l-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera mil-lista, b'mod sħiħ jew f'parti, fil-każ ta' l-aħħar dwar il-kategoriji tal-prodott u, jew ċentri ta' spezzjoni in kwistjoni mir-rakkomandazzjonijiet, il-limitu ta' żmien mogħti lis-Servizz Veterinarju u dipartimenti Ministerjali oħra konċernati u kumpaniji privati, operaturi u organiżżazzjonijiet involuti, għandu jkun kif ġej, mid-data li jasal ir-rapport finali f'lingwa uffiċjali ta' Malta -

(a) għal nuqqasijiet dwar faċilitajiet (bini biss) jew membri tal-personnel - sitt xhur; madanakollu, meta faċilitajiet ġodda li jieħdu post dawk li jkun hemm ikunu qegħdin jinbnew, it-termini taż-żmien biex titlesta l-azzjoni jistgħu jkunu determinati bi ftehim bejn Malta u l-Kummissjoni Ewropea skond kull każ;

(b) għal nuqqasijiet dwar il-materji l-oħra kollha: tliet xhur.

Fil-każ ta' riskji potenzjali serji ta' saħħa ta' l-annimali jew dik pubblika, dawn l-intervalli ta' żmien jistgħu jkunu iqsar.

SKEDA

Ħtiġijiet ta' approvazzjoni għal postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera

Sabiex ikunu approvati u elenkati, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jridu jkunu mibnija biex jipprovdu grad adegwat ta' iġene, u tkun evitata kontaminazzjoni minn xulxin.

Fi kmamar fejn jinħattu, jkunu spezzjonati jew maħżuna l-prodotti, il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew iċ-ċentru ta' spezzjoni jrid ikollu -

(a) ħitan irfinuti b'uċuh lixxi li jinħaslu, li flimkien ma' l-art għandhom ikunu faċli biex jitnaddfu u jkunu disinfettati, u post fejn jiskula l-ilma adegwat;

(b) saqaf nadif u faċli li jitnaddaf;

(ċ) dwal naturali u artifiċjali li jkunu adegwati;

(d) provvista ta' ilma kiesaħ u sħun li tkun adegwata fil-kamamr kollha ta' spezzjoni.

1. Tagħmir tekniku

(a) Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u ċentri ta' spezzjoni għandu jkollhom disponibbli bħala minimu, f'kull ħin, l-affarijiet imsemmija hawn aktar l-isfel -

(i) tagħmir (jew aċċess għal tagħmir) li jkun appaċI jiżen kunsinni soġġetti għall-kontroll;

(ii) kull tagħmir meħtieġ biex jiftaħ u jeżamina kunsinni ppreżentati għall-eżami;

(iii) tagħmir għat-tindif u d-disinfettar li jkun imqiegħed f'post adegwat u xieraq għall-ħtiġijiet tal-post, jew sistema effettiva u dokumentata għal tindif u disinfettar b'aġent estern;

(iv) tagħmir biex iżomm it-temperatura fil-livell xieraq fi kmamar b'ambjent kontrollat.

(b) Fi kmamar ta' spezzjoni għandu ikun hemm disponibbli bħala minimu –

(i) mejda li tista' taħdem fuqha, b'uċuh lixxi u li jinħaslu u jkunu faċli biex jitnaddfu u jkunu disinfettati;

(ii) tagħmir ta' teħid ta' kampjuni – serrieq, sikkina, *tin opener*, mezz li bih tista' tieħu kampjuni ta' kunsinni u kontenituri għall-kampjuni;

(iii) *sealing tape* u siġilli jew tabelli mmarkati b'mod ċar biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu rintraċċati;

(iv) termometru biex ikejjel it-temperatura tal-wiċċ kif ukoll tal-post kollu, miżien, u għall-prodotti friski, pH meter;

(v) tagħmir għat-*thawing* jew *micro wave oven;*

(vi) faċilitajiet għall-ħażna temporanja ta' kampjuni f'temperatura kkontrollata, jiddependi mill-ġarr tagħhom lejn il-laboratorju. Għandhom ikunu wkoll disponibbli kontenituri adatti għall-ġarr ta' dawn il-kampjuni.

(ċ) Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u ċentri ta' spezzjoni b'elenkar ristrett għandu jkollhom –

(i) dawk l-artikoli elenkati f'(a) u (b) hawn qabel, kif adatt għall-prodotti li għandhom ikunu maniġġati fil-post.

2. Ħaddiema

(a) Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandhom joperaw taħt ir-responsabilità tal-veterinarju uffiċjali, jew fil-każ ta' prodotti tal-ħut, jew il-veterinarju uffiċjali jew l-aġent uffiċjali riferit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/352/EEC, li jrid ikun preżenti fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u ċ-ċentri ta'spezzjoni matul il-verifiki fuq il-prodotti. Il-post għandu jkollu ħaddiema biżżejjed biex iwettqu l-kontrolli meħtieġa fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera;

(b) Il-veterinarju uffiċjali jista' jkun assistit minn assistenti li jkunu mħarrġa b'mod speċjali, li jaġixxu taħt l-awtorità tiegħu fi -

(i) il-verifikar ta' dokumenti

(ii) it-twettieq ta' verifiki ta' identità u eżamijiet fiżiċi, teħid ta' kampjuni u t-twettieq ta' analiżi ġenerali;

(iii) doveri u proċeduri amministrattivi.

Il-veterinarju uffiċjali għandu jkun responsabbli għad-deċiżjoni finali.

Għall-ħaddiema tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu jinżamm *record* tat-taħriġ li jkunu ingħataw dwar verifiki veterinarji.

3. Dokumentazzjoni

Il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu jżomm l-informazzjoni li ġejja.

Sakemm tkun implimentata s-sistema tax-*Shift*, il-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-verifiki fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera irid ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu fl-uffiċju ċentrali maħtur ta' l-anqas -

(a) lista aġġornata tal-pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi awtorizzati biex jibagħtu prodotti lejn il-Komunità Ewropea jew, fejn ikun japplika, lejn ċerti Stati Membri;

(b) kopji tad-Deċiżjonijiet varji tal-Komunità Ewropea jew ta' l-Istati Membri li jispeċifikaw kampjuni ta' ċertifikat mediku jew ċertifikat tas-saħħa pubblika, annimali jew xi dokument ieħor li għandu jakkumpanja prodotti minn pajjiżi terzi mibgħuta lejn il-Komunità Ewropea, jew fejn ikun meħtieġ, lejn ċerti Stati Membri;

(ċ) lista aġġornata ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi awtorizzati biex jibagħtu prodotti lejn il-Komunità jew ta' stabbilimenti nazzjonali awtorizzati fil-każ ta' prodotti mhux armonizzati;

(d) kopji ta' kull Deċiżjoni ta' salvagwardja li tipprojbixxi jew tnaqqas l-importazzjoni ta' prodotti lejn il-Komunità Ewropea;

(e) lista aġġornata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati, li tagħti d-dettalji kollha disponibbli ta' dawn il-postijiet;

(f) lista kurrenti taż-żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen tad-dwana approvati taħt l-artikolu 12.4 u ta' l-operaturi awtorizzati taħt l-artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC, fl-Istati Membri kollha;

(ġ) lista aġġornata ta' stabbilimenti approvati biex jirċievu prodotti li jkunu diretti lejn dak l-Istat Membru, skond l-artikolu 8 (6) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC;

(ħ) leġislazzjoni relevanti aġġornata tal-Komunità Ewropea dwar prodotti u proċeduri koperti b'verifiki veterinarji.

4. ***Records***

Iridu jinżammu wkoll ir-rekords li ġejjin -

(a) informazzjoni aġġornata dwar kunsinni ta' prodotti li l-importazzjoni tagħhom jew id-dħul fil-Komunità Ewropea tkun ġiet rifjutata u li jkunu reġgħu intbagħtu lura; kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni Ewropea l-informazzjoni kollha dwar il-kusinni li reġgħu ntbagħtu lura; din l-informazzjoni għandha tkun komunikata lil kull post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera mill-awtorità kompetenti ċentrali;

(b) reġistru skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 97/394/EC tas-6 ta' Ġunju 1997 *"li jistabbilixxi d-data minima meħtieġa għad-data base dwar annimali u prodotti ta' l-annimali li nġiebu fil-Komunità Ewropea"*;

(ċ) reġistru tal-kunsinni kollha jew li jkunu ntbagħtu lura skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 97/152/EC, jew inqerdu, jew ġew awtoriżżati mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal użu ieħor barra minn dak għall-konsum uman; dan ir-reġistru għandu jkun fih id-drabi kollha li fihom ikun hemm żmien stipulat għal azzjoni jew għal tweġiba mill-veterinarju uffiċjali fil-każ ta' prodotti miċħuda, mibgħuta fi *transit* jew *channelled*, u fejn tkun meħtieġa aktar azzjoni;

(d) reġistru tal-kampjuni kollha meħuda fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal skopijiet ta' testijiet fil-laboratorju, flimkien ma' dettalji tat-test fil-laboratorju mitluba u r-riżultati (favorevoli u mhumiex) ta' dawn it-testijiet;

(e) ir-reġistru meħtieġ taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 94/360/EC *"dwar il-frekwenza mnaqqsa ta' verifiki fiżiċi ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li għandhom ikunu implimentati minn pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/675/EEC"*, jekk meħtieġ f'format komputerizzat.

5. Proċeduri

(a) L-awtorità kompetenti għandha tinsisti biex tiżgura li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi varji involuti fl-ispezzjoni ta' prodotti ta' pajjiżi terzi.

(b) L-ispezzjonijiet fiżiċi u verifiki ta' identità, minbarra għall-verifiki tas-siġilli, jridu jseħħu ġewwa faċilità ta' spezzjoni. Dawn il-verifiki kollha għandhom isiru b'mod li tiġi evitata l-possibilità ta' kontaminazzjoni minn xulxin, u fejn ikun meħtieġ għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet ta' temperatura kontrollata u li fiha l-prodotti jinġarru. Meta jkunu involuti prodotti mhux ippakkjati għall-konsum uman, il-verifiki kollha għandhom jitwettqu għall-kenn ta' l-elementi u għandu jittieħed kont ta' l-immaniġġar iġeniku u l-protezzjoni ta' dawn il-prodotti waqt il-ħatt u t-tagħbija.

(ċ) Il-veterinarju uffiċjali għandu ta' l-anqas ikollu tagħrif adegwat ta' l-arranġamenti biex jiddisponi minn skart ta' prodotti ta' oriġini annimali li jkunu nħattu mill-mezzi tat-trasport fiż-żona li tinsab taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. Meta l-arranġamenti biex jiddisponi mill-iskart ikunu wkoll taħt ir-responsabilità tiegħu, għandhom jinżammu *records* tal-verifiki li jkunu twettqu u ta' l-anomaliji li jkunu nstabu. Meta dan ikun taħt ir-responsabilità ta' awtorità kompetenti oħra, il-veterinarju uffiċjali għandu jaħdem mill-qrib flimkien ma' dan il-korp u jkollu għad-disposizzjoni l-informazzjoni kollha relevanti meħtieġa.

(d) Il-veterinarju uffiċjali għandu ikollu tagħrif adegwat ta' kull żona ħielsa, mħażen ħielsa, mħażen tad-dwana ħielsa jew ta' min iwassal il-provvisti lill-vapuri fi, jew li jkunu assoċjati mill-qrib, iż-żona tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera. Verifiki regolari għandhom jsiru fl-imħażen jew lill-dawk li jisipplixxu u *record* biex juri dan għandu jinżamm fl-uffiċju tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.